Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 244/2013

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunal bhala Registratur, Qrati u Tribunal Civili (Appellat)**

**Vs**

**W & M Zammit Tabone Limited (Appellanti)**

Il-Gimgha, 24 ta' Gunju, 2016.

Fid-29 ta' Jannar 2014 il-Qorti tal-Magistrati tat decizjoni preliminari li biha cahdet l-eccezzjoni tal-konvenuta li proceduri ta' disprezz ma jistghux jittiehdu kontriha ghaliex persuna guridika. L-appellanti appellat mis-sentenza fejn argumentat li fil-gurisprudenza kien pacifiku li proceduri ta' disprezz ma jistghux jittiehdu ghaliex huma ta' natura penali, liema mizuri jistghu jittiehdu biss kontra persuna fizika.

L-appellat ma wegibx ghalkemm notifikat.

Il-fatti li huma rilevanti, huma s-segwenti:

1. Fl-1 ta' April 2011 inhareg mandat ta' sekwestru ezekuttiv (965/11) fl-ismijiet **Lorraine Calleja vs Patrick Calleja**, ghas-somma ta' €3,973.33 dovuti bhala manteniment skond kuntratt ta' separazzjoni tal-21 ta' Dicembru 2004.
2. L-appellanti kienet wahda mis-sekwestratarji.
3. Fl-14 ta' April 2011 l-appellanti giet notifikata bil-mandat.
4. Fit-12 ta' Mejju 2011, is-sekwestranti pprezentat rikors fejn iddikjarat li s-socjeta appellanti ma kinitx iddepozitat is-salarju ta' Patrick Calleja. Ghalhekk talbet li jittiehdu proceduri ta' disprezz kontra l-appellanti.
5. B'digriet tas-16 ta' Frar 2012, il-qorti laqghet it-talba.
6. Fit-22 ta' Awissu 2013, l-appellat ipprezenta l-kawza ghad-disprezz fejn talab lill-qorti sabiex tiddikjara lill-appellanti, *"…. Hatja ta' disprezz kontra l-awtorita taghha ai termini tal-Artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Il-qorti mhijiex mitluba biex f'dan l-istadju tezamina u tiddeciedi dwar jekk in-nuqqas tal-appellanti, jistax jissarraf fi proceduri ta' disprezz. Il-punt li ser jigi deciz hu jekk proceduri ta' disprezz jistghux jittiehdu kontra persuna guridika.

Il-Qorti tal-Appell f'sentenza tat-28 ta' Jannar, 1991, fil-kawza fl-ismijiet **Catherine Portelli vs Joseph Cachia et**, qalet:

*"certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u [l-ligi] tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu inflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk.* ***Dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali.*** *Il-fatt li l-istess procediment gie*

*introdott bic-Citazzjoni ma jaghtix lil dan il-procediment in-natura civili, u ma jnehhilu xejn min-natura kriminali."* [LXXV.ii.526].

Interessanti hi s-sentenza tal-Prim'Awla fil-kawza **Francis X. Aquilina vs Giuseppe Debono et** tad-9 ta' Frar 1996, fejn il-qorti kkonfermat li proceduri ta' disprezz huma ta' natura penali. Ziedet li:

*"Issa huwa principju kardinali li ghandu jirrispondi biss ghal reat min ikun ikkommettieh. L-ulied ma jirrispondux ghar-reati ta' missierhom… bil-mewt tal-konvenut Giuseppe Debono l-azzjoni odjerna giet perenta billi huwa wkoll principju kardinali li l-mejtin ma jigux kundannati f'din id-dinja, ghax lanqas hu possibbli."*

Fic-cirkostanzi l-qorti lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

Skond l-Artikolu 997 tal-Kap. 12, fi procedimenti li jsiru minhabba att jew ommissjoni li tkun tammonta ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti, ***"il-hati"*** jista' jigi kkundannat ghal prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn €232.94 u mhux iktar minn €2,329.37. Hekk ukoll il-qorti tista' wkoll *"...jekk tat xi piena lil min jaghmel **ir-reat**"*, tordnalu li jnehhi d-dizordni jew inkonvenjent *"... li bih ikun sar ir-**reat**"*. Kliem li jikkonfermaw kemm proceduri ta' disprezz huma ta' natura kriminali.

Skond l-Artikolu 1002:

*"Meta l-ammenda jew il-multa ma tithallasx, l-ikkundannat jiskonta l-piena f'detenzjoni jew fi prigunerija bhal kif jinghad fil-Kodici Kriminali."*

L-ewwel qorti ghamlet riferenza ghal gurisprudenza li tikkonferma li proceduri ta' disprezz jistghu jittiehdu kontra persuna guridika. F'dan is-sens hi s-sentenza tal-Prim'Awla, **Registratur tal-Qrati Superjuri vs Silvio Camilleri et** tas-17 ta' Jannar 2001[1]. F'dik is-sentenza l-qorti sahhet l-argument fuq dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Reno Pace et vs Alexander Attard et** tal-14 ta' Lulju, 1995, fis-sens li entitajiet legali jistghu jkunu responsabbli ghal delitti jew kwazi-delitti. Fil-fehma ta' din il-qorti, il-kuntest kien differenti. Pero' dik il-kawza kienet titratta pretensjoni ghal hlas ta' danni. Kawza li ma kinitx ta' indoli kriminali. Fil-fatt il-qorti qalet li kellha ssir distinzjoni bejn *".... **dawk il-kazijiet fejn il-kundanna trid bilfors tkun personali bhal ma hija fil-kamp penali** u dawk il-kazijiet fejn il-kundanna hija civili u fejn l-effetti taghha mhumiex distinti bl-ebda mod mill-effetti naxxenti mill-kawzi l-ohra li permezz taghhom jigu krejati l-obbligi civili (cioe' l-kuntratti u kwazi kuntratti). Meta ghalhekk dan l-effett huwa identiku u jikkonverti ruhu **fi hlas ta' somma ghad-danni**, m'ghandux ikun hemm ebda distinzjoni bejn kundanna ghall-hlas ta' danni rizultanti minn kawza ta' obbligu kuntrattwali u dak rizultanti minn responsabbilta delittwali."* Mill-Artikolu 997 u 1002 tal-Kap. 12, hu evidenti li l-kundanna trid bilfors tkun personali. Fil-kaz in ezami l-effett mhuwiex

[1] Ara wkoll sentenzi tal-istess qorti fil-kawza **Registratur Qrati Civili u Tribunali vs Mamma Mia Company et** tas-26 ta' Marzu 2009 u **d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali vs I.T.C. Limited** tas-26 ta' Gunju, 2008.

kundanna ghall-hlas ta' danni izda prigunerija jew multa li jekk ma tithallasx tikkonverti ruhha f'detenzjoni. Il-qorti taddotta l-fehma tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawza **George Demanuele vs Philip Azzopardi et nomine** tas-27 ta' Gunju 1997, fejn qalet li:

*"Huwa ovvju li persuna legali ma tistax tigi kkudannata ghall-piena ta' detenzjoni u ghalhekk is-sentenza kif moghtija hija nulla. Illi proprjament jidher li l-procedura ta l-attur appellat giet istitwita hazin minn punto di vista ta' dritt il-ghaliex ma messhiex giet istitwita kontra s-socjeta. L-istess artikolu 997 tal-kap l2 citat mill-ewwel Qorti bhala l-bazi tal-kundanna minnha inflitta jiddisponi illi:*

*<u>Kull persuna hatja</u> ta' xi ghemil jew nuqqas mhux imsemmi fl-artikoli ta qabel ta dan it-Titolu, illi jikkostitwixxi disprezz tal-Qorti. Tigi, mill-Imhallef jew Magistrati moghtija l-piena ta' l-ammenda jew tal-multa jew tad-detenzjoni: (sottolinear tal-Qorti)."*

Ghalkemm f'dan il-kaz il-proceduri ta' disprezz ma setghux jittiehdu kontra s-socjeta appellanti, l-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni kien jaghti r-rimedju kontra min kellhom jittiehdu l-proceduri ta' disprezz.

**Ghal dawn il-motivi thassar is-sentenza parzjali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Jannar 2014 u tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa minhabba l-punt deciz.**

Anthony Ellul.